

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 8 ta' Diċembru 2015 – Giand vs UASI – Flamagas (FLAMINAIRE)(Kawża T-583/14) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali FLAMINAIRE — Trade marks nazzjonali u internazzjonali verbali preċedenti FLAMINAIRE — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Ne bis in idem”]

(2016/C 027/62)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Giand Srl (Rimini, l-Italja) (rappreżentant: F. Caricato, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Bullock, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Flamagas, SA (Barcelone, Spanja) (rappreżentant: G. Hinarejos Mulliez, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-11 ta' Ġunju 2014 (Każ R 2117/2011-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Flamagas, SA u Giand Srl.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Giand Srl hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż indispensabbli ta' Flamagas, SA għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).

⁽¹⁾ ĠU C 351, 6.10.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Diċembru 2015 – Hewlett Packard Development Company vs UASI (FORTIFY)(Kawża T-628/14) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali FORTIFY — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2016/C 027/63)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Hewlett Packard Development Company LP (Dallas, Texas, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: T. Raab u H. Lauf, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: L. Rampini, aġent)